MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 7/1991/1

Peter Paul Portelli u Pawlu Portelli bhala mandatarju tal-imsiefer huh William Portelli

vs

Joseph Portelli

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-18 ta' Jannar 1991 fejn l-atturi u l-konvenut huma kompropretarji u tlieta mill-utenti tar-raba imsejjah "Ta' Hida" sive "Ta' Majza", limiti tan-Nadur, Ghawdex u bhala tali ghadhom id-dritt li jiehdu l-ilma gieri mill-giebja ezistenti fit-territorju "Ta' Hida" sive "Ta Majza" servitu' ta' mina tal-ilma u l-gbid ta' l-ilma huwa kontemplat sewwa fil-kuntratt tat-transazzjoni li kien sar bejn Maria Portelli u uliedha, u certu Francesco Said fid-9 ta' Novembru 1984 (atti Nutar Henri J. Vassallo) kif wkoll fil-kuntratt ta' bejgh li kien sar fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Spiteri tal-ghaxra (10) ta' Lulju 1977.

Peress illi l-atturi propio et nomine kienu jiehdu dana l-ilma minn kanali, li kienu jifformaw parti mit-transazzjoni hawn fuq imsemmija u li kienu gew imqieghda fi qbil bejn il-partijiet kollha, inkluz wkoll il-konvenuti.

Peress illi l-istess konvenut ricentement u minghajr il-kunsens tal-istess atturi propio et nomie qabad u nehha kanal f'tul ta' erba piedi u issostitwieh b'pipe tal-plastic u ghadda l-istess pipe ghall-gol bir minn fejn deherlu huwa bir-rizultat illi mhux biss id-drittijiet tal-istess atturi propio et nomine, kif akkwistati bil-kuntratti hawn fuq imsemmija gew lezi, imma wkoll huma fil-present ma jistghux jiehdu l-ilma bl-istess facilita' u mod kif kienu johduh qabel.

Peress illi l-istess konvenut minkejja li gie interpellat sabiex jpoggi kollox fl-istat li kien qabel, baqa' inadempjenti.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti;

1. Tiddikjara illi l-istess atturi propio u kif rappresentati ghandhom dritt li jiehdu l-ilma mill-mina esistenti ghall-raba' taghhom imsejjah "Ta' Majza" sive "Ta' Hida" permezz ta' kanali li kienu ezistenti u li saru bi qbil bejn il-partijiet.

2. Tiddikjara wkoll illi bix-xogholijiet li ghamel l-istess konvenut, fis-sens illi nehha parti mill-istess sistema tal-kanali u issostitwiha b'pipe tal-plastic, huwa qieghed jilledi d-drittijiet tal-istess atturi propio et nomine.

3. Tikkundana ghalhekk lill-istess konvenut sabiex fiz-zmien qasir u perentorju li jigi lilhu prefiss, jnehhi l-istess pipe tal-plastic u jerga' jpoggi l-kanal kif kien hemm ezistenti u ghalhekk jerga' jpoggi kollox fl-istat li kien qabel.

4. F'kaz li l-istess zmien jghaddi inutilment, ghaliex l-istess atturi propio u kif rappresentati ma ghadhomx jigu awtorizzati li jaghmlu l-istess xogholijiet huma ghas-

spejjez tal-istess konvenut u dana taht id-direzzjoni ta' perit nominat ghall-istess fini.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut prezentata fil-31 ta' Jannar 1991 (fol. 19) fejn eccepixxa:-

Illi l-mertu ta' din il-kawza jinsab tranzatt f'kawza ohra li giet ceduta minn wiehed mill-atturi Pawlu Portelli fil-kawza fl-ismijiet Pawlu Portelli vs Joseph Portelli (Citaz numru: 61/1990), ghalhekk, id-domandi attrici huma vessatorji u intizi unikament sabiex ikomplu joholqu l-inkwiet mal-eccipjenti;

Illi inoltre it-transazzjoni raggunta fl-imsemmija kawza tirrendi l-kawzali bhala infondati fid-dritt u fil-fatt u, ghalhekk, l-istess domandi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Pawlu Portelli vs Joseph Portelli** (Citaz. Numru: 61/1990) li giet ceduta fis-7 ta' Dicembru 1990. Kawza li kienet tittratta allegat spoll in kwantu l-attur kien qieghed isostni li l-konvenut *"....qabad u qala' il-kanal tal-ilma, li kien ilu hemm jezisti ghall-zmien twil u ssostitwieh b'pipe tal-plastic biex b'hekk ghamilha hafna iktar difficli ghall-attur li jiehu l-ilma mill-istess giebja bl-istess facilita' kif l-istess attur kienu jiehu l-ilma qabel ma huwa kkommetta l-ispoll hawn fuq imsemmi."*.

Rat ukoll l-atti tal-kawza fl-ismijiet **William Portelli et vs Joseph Portelli** (Citaz. Numru: 35/1986AE) li giet deciza llum, u li kienet titratta dwar id-dritt tal-attur li jiehu ilma minn giebja li hemm fil-proprjeta' tal-konvenut fir-raba' li akkwista minghand il-genituri tieghu permezz ta' kuntratt tal-10 ta' Lulju 1977.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

1. Fl-ewwel lok ghandu jigi ccarat li:-

(a) Din il-kawza saret minn zewg atturi: **Peter Paul Portelli** u **William Portelli** (li ghalih qieghed jidher huh Paul Portelli).
(b) Mill-atti hu evidenti li Paul Portelli ma pprezentax il-kawza f'ismu personali.
(c) Fit-13 ta' Marzu 1991 Peter Paul Portelli rrinunzja ghall-kawza (ara nota a fol. 21).
(d) Paul Portelli, il-mandatarju tal-attur, kien ghamel kawza fl-ismijiet **Pawlu Portelli vs Joseph Portelli** (Cit. Numru: 61/1990) dwar allegat spoll li kien jikkonsisti fit-tnehhija ta' kanal u minflok tqeghid ta' pajp tal-plastik. Fis-7 ta' Dicembru 1990 kien wasal fi ftehim mal-konvenut f'dan is-sens: *"Il-partijiet tramite l-avukati difensuri taghhom jaqblu illi l-attur Pawlu Portelli ghandu d-dritt li jiehu l-ilma mill-giebja in kwistjoni kull nhar ta' erbgha. Dan id-dritt mhux kontestat. Illi sabiex jitrangaw bejniethom l-affarijiet jiftiehmu illi Pawlu Portelli ikollu l-fakolta illi mal-genb tal-passagg direttament taht il-hajt tas-sejjiegh jaghmel T-Junction bi stop-cock, sabiex ikun jista' jirregola l-flow tal-ilma meta hu ghanu d-dritt li jiehdu. Il-konvenut Joseph Portelli prezenti fl-awla qed jobbliga ruhu li ma jimmolestax lill-Pawlu Portelli fit-tgawdija ta' dina l-facilita' u jobbliga ruhu ukoll li ma jkissirx, jizmantellax, jew bl-ebda mod jindahal fil-funzjonament ta' din is-sistema tal-irrigazzjoni."*.
(e) Peress li William Portelli ma kienx parti ghat-transazzjoni, il-ftehim li sar fis-7 ta' Dicembru 1990 hu *res inter alios acta* ghalih. Mid-deposizzjoni ta' William Portelli, hu evidenti li Paul Portelli ma kienx qieghed jidher ghall-attur meta kkonkluda l-ftehim mal-konvenut[1].

2. Din hi kawza ohra bejn membri tal-familja Portelli li tidhol fil-kategorija ta' kawzi tal-piki. Mic-citazzjoni jirrizulta li l-ilment tal-attur hu li l-konvenut nehha kanal tal-gebel, **tul ta' erbgha piedi**, u minflok ghamel pajp tal-plastik. L-attur Paul Portelli, seduta tat-30 ta' April 1992, spjega li *"B'hekk gie illi ahna gejna pregudikati, ghax meta jkun hemm is-sadd f'dan il-pipe, dan ma jistax jitnehha u*

[1] *"Pawlu qalli li kien sar xi arrangament il-qorti ma' Joe, izda dan ma ghogobnix u ghidtlu biex jipprocedi bil-kawza. Fejn sar il-pipe ma hux ta' Joe, izda ta' ohti Carmen Vella."* (fol. 33).

*b'hekk ahna ma nihdux ilma. Mentri, kif kien qabel, kien seta' facilment jitnehha kull sadd li kien hemm fil-kanali"* (fol. 43). Il-qorti m'hijiex tifhem x'sadd jista' jkun hemm fil-pajp. Fil-kawza **Paul Portelli proprio et nomine et vs Joseph Portelli** (Citaz. Numru: 40/1986)[2] il-qorti kif presjeduta ghamlet access fil-post in kwistjoni (21 ta' Gunju 2007). Waqt dan l-access il-qorti dahlet sa gewwa nett fil-proprjeta' tal-konvenut fejn hemm vit imqabbad ma' manku tal-hadid (li jifforma parti minn pipe wiesgha) li jferra l-ilma ghal gewwa kanal tal-gebel. F'dan il-kuntest issir riferenza ghar-ritratt mehud mill-perit tekniku David Pace li jinsab a fol. 137l tal-kawza **William Portelli et vs Joseph Portelli** (Cit. Numru 35/1986). Il-qorti m'hijiex tifhem xi pregudizzju qieghed isofri William Portelli bil-mod kif illum ighaddi l-ilma. Dwar il-volum tal-ilma li jinzel dan jista' facilment jigi kontrollat.

Min-naha tal-konvenut ressaq bhala xhud lill-ohtu Carmela Vella li kkonfermat li:-

- Il-pajp li dwaru kien qieghed jilmenta l-attur kien diga' jezisti fi zmien meta kien ghadu haj missierhom. Dak iz-zmien il-pajp kien tal-fuhhar.
- Fl-1990 kien inqasam il-pajp, li fil-frattemp kien sar tal-plastik, u kien qieghed jintilef l-ilma.
- Kienet Carmen Vella li nkarigat lill-konvenut sabiex jibdel il-pajp, li jinsab fl-art taghha. William Portelli stess ikkonferma li l-pajp in kwistjoni jinsab f'art ta' Carmen Vella (seduta tas-27/3/1992 ara fol. 33).

Il-verzjoni ta' Carmen Vella tidher li tikkorabora dak li nghad f'ittra legal datata 31 ta' Mejju 1990 li kienet intbaghatet lil Paul Portelli[3] bi twegiba ghall-ittra ufficjali, fejn inghad: *"...illi fejn giet mibdula l-pipe bl-ebda mod ma tista' qatt taffettwa l-ilma li tiehu inti peress illi inti, biex tiehu l-ilma, tqabbad il-manki fil-kanal li hiereg mill-giebja l-kbira li jigi distanza sewwa qabel il-bicca pipe li giet sostitwita."*. Il-konvenut xehed ukoll (seduta tas-26 ta' Mejju 1995) li: *"Fl-elf disa' mija u disghin bdiltha ergajt*

---

[2] Deciza fit-23 ta' Mejju 2008 u pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.
[3] Hemm riferenza ghaliha fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Pawlu Portelli vs Joseph Portelli** (Ciaz. Numru: 61/1990.

*ghax inkisret din il-pajp tal-plastik. Dan Paul Portelli qabad u vvinta, x'hin diltha qabad u vvinta, qalli hawn kien hawn kanal flok il-pajp. Jiena hawnhekk dejjem pajp kien hawn, kemm fi zmien missieri u kemm wara l-mewt tieghu."* (fol. 77). Il-qorti tistqarr ukoll li mir-ritratti a fol. 52 (prezentati fl-10 ta' Novembru 1992 minn Paul Portelli permezz ta' nota) u fol. 68-69 (prezentati minn Agnes Portelli mart Paul Portelli) fejn il-qorti qeghda tifhem li l-attur isostni li sar ix-xoghol li minnu qieghed jilmenta fl-art tal-konvenut, hu differenti mir-ritratti li pprezentat Carmen Vella (fol. 96-97) biex turi fejn effettivament sar ix-xoghol fl-art taghha.

Il-qorti tqies li f'dan l-istat ta' verzjonjiet konfliggenti, apparti l-fatt li mix-xhieda stess tal-attur ma rrizultax li l-konvenut ghamel xi xoghol li bih ippregudika l-jedd tal-attur biex jiehu l-ilma, il-qorti m'hijiex tal-fehma li l-attur irnexxielu jressaq provi sodisfacenti sabiex jirnexxi fit-talbiet tieghu.

3. Ghalkemm hu minnu li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet il-konvenut illimita ruhu biex jaghmel riferenza ghat-transazzjoni li sehhet fil-kawza **Pawlu Portelli vs Joseph Portelli** (Citaz. Numru: 61/1990), madankollu l-attur xorta jrid jaghti prova ta' dak li qieghed jallega sabiex ikun jista' jirnexxi fit-talbiet tieghu. Prova li fil-fehma tal-qorti ma saritx. Fir-rigward tad-dritt ta' tehid ta' ilma minn William Portelli, il-qorti diga' ddecidiet fil-kawza fl-ismijiet **William Portelli et vs Joseph Portelli** (Citaz. numru: 35/1986) deciza wkoll illum. Ghalhekk m'hemmx lok li tinghata xi decizjoni ulterjuri.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-**

**1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba biex jigi dikjarat li William Portelli ghandu dritt jiehu l-ilma mill-proprjeta' tal-konvenut, in kwantu diga' nghatat decizjoni f'dan ir-rigward fil-kawza William Portelli et vs Joseph Portelli (Citaz. numru: 35/1986) deciza llum.**

**2. Tichad il-kumplament tat-talbiet tal-attur.**

**Spejjez kontra l-attur William Portelli.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------